

Brussell, 7 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11312/25

MI 511
COMPET 695
IND 249
TELECOM 237
CONSOM 131
JAI 1040
CT 91
PI 146
AUDIO 65
DELECT 95

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 4340 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 1.7.2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u proċeduri tekniċi biex il-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna u ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna jikkondividu data ma' riċerkaturi verifikati

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2025) 4340 final.

Mehmuż: C(2025) 4340 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.7.2025
C(2025) 4340 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 1.7.2025

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
billi jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u proċeduri tekniċi biex il-fornituri ta' pjattaformi
online kbar ħafna u ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna jikkondividu data ma'
riċerkaturi verifikati**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Fis-16 ta' Novembru 2022 daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA, Digital Services Act)¹. Dak ir-Regolament jipprovdi qafas legali armonizzat applikabbli għas-servizzi intermedjarji online kollha pprovduti fl-Unjoni u jfittex li joħloq spazju diġitali aktar sikur, li fih id-drittijiet fundamentali jiġu protetti b'mod effettiv.

Ir-Regolament (UE) 2022/2065 jinkludi, għall-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna u ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna, sett speċjali ta' obbligi proporzjonati skont ir-rwol partikolari tagħhom u l-impatt tagħhom fuq is-soċjetà fl-Unjoni. L-obbligi imposti fuq daww il-fornituri jfittxu li jżidu l-akkontabilità pubblika tagħhom u jinkludu l-obbligu li jżommu repożitorji pubbliċi tar-reklamar, li jippubblikaw rapporti mill-inqas darba fis-sena dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tagħhom ta' kwalunkwe riskju sistemiku li jirriżulta mit-tfassil, mill-funzjonament jew mill-użu tas-servizz tagħhom u tas-sistemi relatati miegħu, u dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li jkunu stabbilew, kif ukoll ir-rapporti li jirriżultaw minn awditi indipendenti tal-konformità.

L-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2022/2065 jirrikjedi li l-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna u ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna jipprovdu aċċess għad-data li jkollhom għall-finijiet ta' superviżjoni regolatorja, riċerka u skrutinju li tikkontribwixxi għad-detezzjoni, għall-identifikazzjoni u għall-fehim tar-riskji sistemiċi fl-Unjoni, u għall-valutazzjoni tal-adeqwatezza, tal-effiċjenza u tal-impatti tal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li daww il-fornituri għandhom jieħdu skont dak ir-Regolament. Din id-dispożizzjoni għandha impatt doppju: ir-riċerkaturi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjoni se jibbenefikaw minn aċċess għal data li ma kinitx iddivulgata qabel jew li ma kinitx iddivulgata biżżejjed, u dan l-aċċess se jiftaħ toroq ġodda għar-riċerka u jżid il-potenzjal tal-ġenerazzjoni tal-għarfien għall-benefiċċju ta' kulħadd. Fl-istess ħin, dan l-għarfien se jikkontribwixxi għall-ħidma tal-awtoritajiet kompetenti fit-tweġiq tal-kompiti ta' superviżjoni u infurzar tagħhom, inkluża l-valutazzjoni tal-passi meħuda mill-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna u ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2022/2065.

Skont l-Artikolu 40(13) tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati biex tissupplimenta dak ir-Regolament billi tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tekniċi li skonthom il-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna jew ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna għandhom jikkondividu d-data skont l-Artikolu 40, il-paragrafi 1 u 4, tar-Regolament (UE) 2022/2065 u l-finijiet li għalihom tista' tintuża d-data. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni tiddikjara li daww l-atti delegati għandhom jistipulaw il-kundizzjonijiet speċifiċi li abbażi tagħhom ssir il-kondiviżjoni tad-data mar-riċerkaturi f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, kif ukoll indikaturi oġġettivi rilevanti, proċeduri u, meta jkun neċessarju, mekkaniżmi ta' konsulenza indipendenti b'appoġġ għall-kondiviżjoni tad-data, filwaqt li jitqiesu d-drittijiet u l-interessi tal-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna jew ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna u tar-riċevituri tas-servizz ikkonċernati, inkluż il-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali, b'mod partikolari s-sigriet kummerċjali, u ż-żamma tas-sigurtà tas-servizz tagħhom.

¹ ĠU L277, 27.10.2022, p. 1.

Dan l-att delegat jispeċifika l-proċeduri u l-kundizzjonijiet tekniċi li jippermettu l-għoti ta' aċċess għad-data skont l-Artikolu 40, il-paragrafu 4 tar-Regolament (UE) 2022/2065. Minħabba r-rwol importanti li r-riċerkaturi jistgħu jiżvolġu għad-detezzjoni, għall-identifikazzjoni u għall-fehim tar-riskji sistemiċi fl-Unjoni u għall-valutazzjoni tal-adegwatezza, tal-effiċjenza u tal-impatt tal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li l-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna u ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna huma meħtieġa li jieħdu skont dak ir-Regolament, dan l-att delegat huwa maħsub biex jiżgura applikazzjoni effettiva u armonizzata tad-dispożizzjoni li tirregola l-aċċess għad-data għar-riċerkaturi verifikati skont ir-Regolament (UE) 2022/2065.

Ir-regoli stabbiliti f'dan l-att delegat jibnu fuq il-prattiki eżistenti għall-aċċess tad-data mill-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna jew ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna, li ġew stabbiliti fuq bażi volontarja. Minħabba n-natura innovattiva tal-mekkaniżmu stabbilit fl-Artikolu 40(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065 li jinvolvi atturi differenti, jiġifieri riċerkaturi, Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali u fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna jew ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna, qed jiġu stabbiliti proċeduri speċifiċi biex jiġu żviluppati Prattiki affidabbli, konsistenti u uniformi, u biex jiġu protetti d-drittijiet u l-interessi tal-atturi kollha involuti.

B'mod partikolari, l-att delegat jistabbilixxi l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali għall-formulazzjoni ta' talbiet motivati għall-aċċess tad-data lill-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna jew ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna. B'dan il-mod, dan l-att delegat jiċċara u jarmonizza wkoll il-proċeduri għall-ġestjoni tal-proċess tal-aċċess għad-data, u jistabbilixxi l-portal tal-aċċess għad-data tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA, Digital Services Act), biex jirfed il-passi differenti f'dak il-proċess. Barra minn hekk, l-att delegat jistabbilixxi l-kundizzjonijiet legali, organizzazzjonali u tekniċi li għandhom jitqiesu mill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment meta jiġu ddeterminati l-modalitajiet ta' aċċess xierqa għall-għoti ta' aċċess għad-data. Għal dan il-għan, l-att delegat jistabbilixxi regoli għall-interazzjonijiet bejn il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment u l-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna jew ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna fl-ipproċessar tat-talba motivata għall-aċċess għad-data.

L-att delegat għandu l-għan li jistabbilixxi proċess konsistenti u uniformi għall-aċċess għad-data għal riċerkaturi verifikati, li se jipproteġi d-drittijiet u l-interessi ta' dawh involuti – filwaqt li jkun fih salvagwardji adegwati kontra kwalunkwe forma ta' abbuż.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Matul is-sentejn ta' qabel l-adozzjoni ta' dan l-att delegat, il-Kummissjoni ġabret il-fehmiet ta' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati differenti, inklużi fornituri ta' servizzi diġitali, bħal fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna jew ta' magni tat-tiftix kbar ħafna, fornituri ta' pjattaformi online oħrajn u fornituri ta' servizzi intermedjarji oħrajn, negozji oħrajn, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll grupp ta' esperti ta' akkademiċi u riċerkaturi.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet sejħa pubblika għall-evidenza bejn il-25 ta' April u l-31 ta' Mejju 2023. Ġew riċevuti 133 rispons, li minnhom inġabru kontributi dwar il-ħtiġijiet ta' aċċess għad-data mir-riċerkaturi, mill-fornituri ta' pjattaformi online, mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll minn partijiet ikkonċernati interessati oħrajn. Is-sejħa kopriet ukoll aspetti operazzjonali tal-aċċess għad-data, bħar-rekwiżiti proċedurali u tekniċi għall-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-data.

Il-Kummissjoni wettqet ukoll konsultazzjonijiet immirati ma' partijiet ikkonċernati speċjalizzati fil-qasam tar-riċerka u l-aċċess għad-data, inklużi l-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali, sabiex tiġbor aktar fehmiet tekniċi u tidentifika oqsma li jibbenefikaw minn

speċifikazzjoni ulterjuri f'dan l-att delegat. Saru konsultazzjonijiet ma' akkademiċi, atturi tas-soċjetà ċivili u fornituri tas-servizzi intermedjarji.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppubblikat abbozz ta' dan l-att delegat għar-rispons tal-pubbliku bejn id-29 ta' Ottubru 2024 u l-10 ta' Diċembru 2024. Ġew riċevuti 109 kontributi, prinċipalment mingħand riċerkaturi, Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali u negozji.

Dan l-att delegat jindirizza l-punti ewlenin imqajma mill-partijiet ikkonċernati bil-għan li jiġi żgurat li jkun hemm stabbilit proċess effiċjenti u armonizzat, li jibbilanċja d-drittijiet u l-interessi tal-atturi kollha involuti għall-għoti ta' aċċess għad-data għar-riċerkaturi verifikati kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2022/2065.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

ELEMENTI TAL-ATT DELEGAT

Il-Kapitolu I jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali, jiġifieri s-suġġett tal-att delegat (l-Artikolu 1) u d-definizzjonijiet tat-termi ewlenin (l-Artikolu 2).

Il-Kapitolu II jistabbilixxi l-obbligi ta' informazzjoni u ta' kuntatt fir-rigward tal-proċess tal-aċċess għad-data. L-ewwel nett, jistabbilixxi l-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA (l-Artikolu 3), imbagħad jistabbilixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet għall-ipproċessar tad-data personali mwettaq fil-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA (l-Artikolu 4) u r-regoli għall-ipproċessar tad-data personali fil-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA (l-Artikolu 5). Fl-aħħar nett, jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar il-punti ta' kuntatt u l-informazzjoni lill-pubbliku dwar il-proċess tal-aċċess għad-data (l-Artikolu 6).

Il-Kapitolu III jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-formulazzjoni u għall-ipproċessar ta' talbiet motivati għall-aċċess għad-data. Dan jipprovdi dettalji dwar il-formulazzjoni ta' talba motivata għall-aċċess għad-data mill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment skont l-Artikolu 40(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065 (l-Artikolu 7), dwar il-prerekwiżiti għall-formulazzjoni ta' talba motivata għall-aċċess għad-data (l-Artikolu 8), dwar l-adegwatezza tal-modalitajiet ta' aċċess biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tas-sigurtà tad-data, tal-kunfidenzjalità u tal-protezzjoni tad-data personali li jikkorrispondu għad-data mitluba (l-Artikolu 9) u dwar il-kontenut tat-talba motivata għall-aċċess għad-data (l-Artikolu 10). Imbagħad jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-pubblikazzjoni ta' ħarsa ġenerali lejn it-talba motivata għall-aċċess għad-data fil-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA (l-Artikolu 11), il-proċeduri għat-trattament tat-talbiet għal emendi ppreżentati mill-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna jew ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna skont l-Artikolu 40(5) tar-Regolament 2022/2065 (l-Artikolu 12) u proċess ta' medjazzjoni (l-Artikolu 13). Fl-aħħar nett, jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-konsultazzjonijiet mal-esperti indipendenti (l-Artikolu 14).

Il-Kapitolu IV fih dispożizzjoni dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' aċċess għad-data mitluba lir-riċerkaturi verifikati billi jipprovdi dettalji dwar ir-rekwiżiti tal-ġestjoni tad-data u tad-dokumentazzjoni tad-data li l-fornituri tad-data jeħtieġ li jaderixxu magħhom meta jipprovdu aċċess għad-data (l-Artikolu 15).

Fl-aħħar nett, il-Kapitolu V fih id-dispożizzjoni finali ta' dan l-att delegat dwar id-dħul fis-seħħ tiegħu (l-Artikolu 16).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'1.7.2025

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u proċeduri tekniċi biex il-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna u ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna jikkondividu data ma' riċerkaturi verifikati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 40(13) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2022/2065 jistabbilixxi regoli dwar l-aċċess għad-data li għandu jingħata mill-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna u ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna. B'mod partikolari, dan jippermetti lir-riċerkaturi li jkunu temmew proċess biex juru li huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 8 ta' dak l-Artikolu ("riċerkaturi verifikati") li jingħataw tali aċċess.
- (2) Skont l-Artikolu 40(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065, ir-riċerkaturi verifikati għandhom jingħataw aċċess għad-data bħala għajnuna biex jistudjaw ir-riskji sistemiċi fl-Unjoni u biex jivvalutaw l-effettività tal-miżuri biex jiġu mmitigati dawk ir-riskji. Is-sejbiet tagħhom jistgħu jikkostitwixxu kontribut siewi għall-infurzar tar-Regolament (UE) 2022/2065 u jrawmu l-obbligu ta' rendikont tal-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna u ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tekniċi u l-proċeduri meħtieġa biex ikun permess tali aċċess, b'mod sigur u effiċjenti li jkun konsistenti bejn il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali kollha, u b'mod li jiżgura trattament ugwali għar-riċerkaturi u għall-fornituri tad-data.
- (3) Biex jiġi żgurat li l-proċess tal-aċċess għad-data jkun konsistenti bejn il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali kollha u biex dak il-proċess ikun ċar u trasparenti għal kulħadd, huwa meħtieġ li tinholq infrastruttura diġitali ddedikata ("il-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA"). Il-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA jenħtieġ li jippermetti lir-riċerkaturi, lill-fornituri tad-data u lill-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali jipparteċipaw fil-proċess tal-aċċess għad-data, ikollhom aċċess għal informazzjoni rilevanti u jxerrduha, bħad-dettalji tal-punti ta' kuntatt iddedikati, u jikkomunikaw ma' xulxin. Il-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA jenħtieġ li ma jitqiesx bħala wieħed mill-modalitajiet ta' aċċess li għandhom jintużaw għall-għoti ta' aċċess għad-data skont talba motivata.

² ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj>.

- (4) Il-fornituri tad-data u r-riċerkaturi li jkunu jixtiequ jipparteċipaw fil-proċess tal-aċċess għad-data, jenħtiegħ li joħolqu kont fuq il-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA għal dak il-għan. Biex jiġi żgurat li l-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali jkunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni sottomessa permezz tal-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA mingħajr il-ħtieġa li jinħoloq kont separat fuq il-portal, il-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA jenħtiegħ li jkun interoperabbli ma' AGORA, is-sistema tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/607³.
- (5) Biex tiġi żgurata t-trasparenza tal-proċess tal-aċċess għad-data għall-partijiet kollha involuti u biex jiġu mmonitorjati l-effettività u l-effiċjenza tal-proċess tal-aċċess għad-data u l-konformità mal-Artikolu 40(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065 u ma' dan ir-Regolament, il-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA jenħtiegħ li jiġġenera notifiki awtomatiċi fir-rigward ta' passi u aġġornamenti differenti tal-proċess.
- (6) Sabiex ir-riċerkaturi jingħataw informazzjoni konsistenti dwar il-proċess tal-aċċess għad-data, il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali jenħtiegħ li jagħmlu disponibbli u faċilment aċċessibbli fuq l-interfaċċi online tagħhom informazzjoni dwar il-proċess tal-aċċess għad-data, inklużi links għall-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA. Biex jiġi evitat li jinħoloq piż amministrattiv bla bżonn, tiżdied l-effiċjenza u tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn il-partijiet kollha involuti fil-proċess tal-aċċess għad-data, il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali huma mħeġġa jiffaċilitaw il-ġestjoni tal-informazzjoni relatata mal-proċess tal-aċċess għad-data, anke minn perspettiva lingwistika.
- (7) Sabiex ir-riċerkaturi jkunu jistgħu jidentifikaw id-data rilevanti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 40(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-fornituri tad-data jenħtiegħ li jagħmlu disponibbli katalgi tad-data tad-DSA għas-servizzi tagħhom. Tali katalgi jenħtiegħ li jkunu jistgħu jinstabu u jkunu aċċessibbli faċilment fuq l-interfaċċi online tal-fornituri tad-data, u jenħtiegħ li jiddeskrivu l-assi tad-data disponibbli, l-istruttura tad-data u l-metadata tagħhom, li l-aċċess għalihom jista' jintalab skont l-Artikolu 40(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065. Meta jagħmlu disponibbli l-katalgi tad-data tad-DSA, il-fornituri tad-data jenħtiegħ li jqisu r-riskji għall-kunfidenzjalità, għas-sigurtà tad-data jew għall-protezzjoni tad-data personali li potenzjalment jirriżultaw mill-fatt li tali informazzjoni li ssir pubblika.
- (8) Biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' proġetti ta' riċerka rilevanti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 40(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-katalgi tad-data tad-DSA jenħtiegħ li jinkludu b'mod partikolari data relatata mar-riskji sistemiċi fl-Unjoni li l-fornituri tad-data identifikaw fil-valutazzjonijiet tar-riskju annwali tagħhom skont l-Artikolu 34 ta' dak ir-Regolament, kif ukoll data relatata ma' kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 35 ta' dak ir-Regolament. Biex jiġu żgurati r-rilevanza u l-puntwalità tal-katalgi tad-data tad-DSA, daww il-katalgi jenħtiegħ li jiġu aġġornati regolarment b'kunsiderazzjoni xierqa għar-riskji sistemiċi li jkunu għadhom kif ġew identifikati u għall-evoluzzjoni tar-riskji sistemiċi. Pereżempju, jenħtiegħ li dawn jirriflettu r-riskji emerġenti identifikati wara valutazzjoni tar-riskju *ad hoc* skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2022/2065 jew wara rapport tal-awditjar

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/607 tal-15 ta' Frar 2024 dwar l-arranġamenti prattiċi u operazzjonali għall-funzjonament tas-sistema ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 2024/607, 16.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/607/oj).

skont l-Artikolu 37 ta' dak ir-Regolament. Biex jiġi minimizzat il-piż proċedurali fuq il-fornituri tad-data, meta jkun xieraq, tali katalgi jistgħu jibbażaw fuq ir-riżorsi eżistenti tad-dokumentazzjoni tad-data użati għal skopijiet u udjenzi oħrajn, bħar-reklamar, il-ħolqien tal-kontenut jew l-iżvilupp tal-applikazzjonijiet ta' partijiet terzi. Il-katalgi tad-data tad-DSA jenħtieġ li ma jkunux meħtieġa li jkunu eżawrjenti u għalhekk jenħtieġ li ma jorbtux jew ma jillimitawx lir-riċerkaturi applikanti fl-applikazzjonijiet tagħhom għall-aċċess għad-data.

- (9) Sabiex tiġi ffaċilitata d-determinazzjoni tal-modalitajiet ta' aċċess mill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment u jitnaqqas il-piż ġenerali tal-proċess ta' aċċess għad-data fuq l-atturi kollha involuti, il-fornituri tad-data jenħtieġ li jippubblikaw il-modalitajiet issuġġeriti ta' aċċess tagħhom għad-data deskritta fil-katalgi tad-data tad-DSA. Dawn il-modalitajiet issuġġeriti ta' aċċess jenħtieġ li jkunu proporzjonati għas-sensittività tad-data u li jinkludu informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tekniċi, organizzazzjonali u legali possibbli kkunsidrati mill-fornituri tad-data kif xieraq biex jippermettu l-forniment tad-data. Il-modalitajiet ta' aċċess issuġġeriti mill-fornituri tad-data jenħtieġ li ma jorbtux lill-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment, li jenħtieġ li jibqgħu kompetenti biex jiddeterminaw il-modalitajiet ta' aċċess xierqa.
- (10) Biex jiġi żgurat li l-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-data jiġu ttrattati b'mod ugwali, indipendentement mill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali li lilu tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-aċċess għad-data jew li minnu toriġina t-talba motivata, jenħtieġ li jiġi speċifikat il-perjodu ta' żmien għall-formulazzjoni ta' talbiet motivati biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali kollha. Jekk il-formulazzjoni tat-talba motivata tirrikjedi żmien addizzjonali, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jenħtieġ li jinnotifika lir-riċerkatur prinċipali, filwaqt li jagħti r-raġunijiet għad-dewmien. Dawn ir-raġunijiet jistgħu jinkludu l-meħtieġa ta' verifika addizzjonali mill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-organizzazzjoni ta' riċerka jew tal-istabbiliment, pereżempju meta l-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-data jimplikaw trasferimenti internazzjonali tad-data, jew meta l-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment ikun identifika riskji potenzjali għas-sigurtà tal-Unjoni li kieku d-data kellha tiġi kondiviżi. Bil-ħsieb li jiġu allinjati wkoll il-passi fil-proċess tal-aċċess għad-data qabel il-formulazzjoni ta' talbiet motivati, inkluż il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-data u l-ġoti ta' status ta' riċerkatur verifikat, il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali huma mħeġġa jiżviluppaw mod ta' ħidma konsistenti u koordinat, inkluż kriterji operazzjonali komuni, fil-qafas tal-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali.
- (11) Sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-formulazzjoni ta' talbiet motivati, il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali kollha tal-istabbiliment jenħtieġ li jkunu meħtieġa jivverifikaw li ċerti elementi komuni tal-proċess tal-aċċess għad-data kienu koperti kif xieraq fl-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-data. Għal dak il-għan, il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jenħtieġ li jivverifikaw li r-riċerkaturi applikanti kollha li jissemew fl-applikazzjoni għall-aċċess għad-data wrew l-affiljazzjoni tagħhom ma' organizzazzjoni ta' riċerka, pereżempju billi jipprovdu dokumenti ta' sostenn ta' kuntratti ta' impjieġ jew kwalunkwe forma oħra ta' assoċjazzjoni legali mal-organizzazzjoni ta' riċerka. Il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jenħtieġ li jivverifikaw ukoll li r-riċerkaturi applikanti wrew l-indipendenza tagħhom minn interessi kummerċjali, pereżempju, permezz ta' dikjarazzjoni għal dak il-għan.
- (12) Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jenħtieġ li jivverifika li l-finanzjament tal-proġett ta' riċerka li għalih tintalab id-data jiġi ddivulgat fl-applikazzjoni għall-aċċess għad-data. L-informazzjoni pprovduta mir-riċerkaturi

applikanti jenħtieġ li tinkludi dettalji tal-kontribuzzjonijiet, bħall-entità ta' finanzjament, l-ammont, in-natura u t-tul ta' żmien tal-kontribuzzjoni, inkluż jekk il-finanzjament ikunx diġà ngħata jew jekk applikazzjoni għall-finanzjament tkunx għadha qiegħda tiġi evalwata, kif ukoll, meta applikabbli, referenzi rilevanti għall-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni. Meta jkun disponibbli, l-applikazzjoni għall-aċċess għad-data jenħtieġ li tinkludi wkoll l-eżiti tal-evalwazzjonijiet imwettqa mill-entità jew mill-entitajiet li jipprovdu l-finanzjament.

- (13) Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jenħtieġ li jivverifika li l-applikazzjoni għall-aċċess għad-data tiddeskrivi kif jintgħażlu d-data u l-format tad-data, b'referenza għar-rekwiżiti tan-neċessità u tal-proporzjonalità għall-iskop tar-riċerka prevista. Meta d-data mitluba tkun disponibbli wkoll permezz ta' sorsi oħrajn, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jenħtieġ li jivvaluta jekk it-talba għal tali data fl-applikazzjoni għall-aċċess għad-data hijiex debitament ġustifikata, filwaqt li jqis l-informazzjoni fl-applikazzjoni għall-aċċess għad-data. Ġustifikazzjonijiet possibbli jistgħu jinkludu evidenza ta' kwalità batuta jew nuqqas ta' affidabbiltà ta' tali data li tirriżulta minn sorsi oħrajn jew in-nuqqas ta' adegwatezza tal-format li fih tali data tista' tinkiseb minn sorsi oħrajn għall-finijiet tal-proġett ta' riċerka, li jfixxkel l-eżekuzzjoni tal-proġett ta' riċerka. Id-data li tista' tintalab sabiex jiġu studjati r-riskji sistemiċi jew il-mitigazzjoni tagħhom fl-Unjoni tista' tevolvi fil-futur. Eżempji kurrenti ta' tali data jinkludu data relatata mal-utenti tas-servizzi, bħal informazzjoni dwar il-profil, networks ta' relazzjonijiet, esponiment tal-kontenut fil-livell individwali u stejjer ta' involviment; data ta' interazzjoni bħal kummenti jew impenji oħrajn; data relatata mar-rakkomandazzjonijiet tal-kontenut, inkluża d-data użata għall-personalizzazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet; data relatata mal-immirar tar-reklami u t-tfassil ta' profili, inkluża d-data dwar il-kost għal kull klikk u miżuri oħrajn tal-prezzijiet tar-reklamar; data relatata mal-ittestjar ta' karatteristiċi ġodda qabel l-użu tagħhom, inklużi r-riżultati tat-testijiet A/B; data relatata mal-moderazzjoni u mal-governanza tal-kontenut, bħal data dwar sistemi u proċessi ta' moderazzjoni tal-kontenut, algoritmiċi jew ta' tip ieħor, inklużi r-reġistri tal-modifiki, l-arkivji jew ir-repożitorji li jiddokumentaw kontenut moderat, inklużi kontijiet kif ukoll data relatata mal-prezzijiet, mal-kwantitajiet u mal-karatteristiċi ta' oġġetti jew servizzi pprovduti jew intermedjati mill-fornitur tad-data.
- (14) Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jenħtieġ li jivverifika jekk l-applikazzjoni għall-aċċess għad-data tipprovdix biżżejjed informazzjoni li turi li r-riċerkatur huwa kapaċi jissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi tal-kunfidenzjalità, tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-data personali fir-rigward tad-data mitluba, jidentifika r-riskji possibbli li jirriżultaw mill-aċċess u mill-ipproċessar ta' tali data għall-finijiet tar-riċerka, u jiddokumenta kwalunkwe modalità ta' aċċess proposta, inkluż il-kundizzjonijiet legali, organizzazzjonali u tekniċi li se jiġu stabbiliti biex jiġu minimizzati r-riskji identifikati, pereżempju permezz ta' ittra ta' impenn mill-organizzazzjoni ta' riċerka li tikkonferma l-aċċess għal mezzi li jistgħu jikkostitwixxu salvagwardji rilevanti, jew dokumenti oħrajn ta' sostenn.
- (15) Meta tintalab data personali, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jenħtieġ li jivverifika li l-applikazzjoni għall-aċċess għad-data tinkludi informazzjoni dwar il-bażi legali għall-ipproċessar ta' data personali, inkluż kategoriji speċjali ta' data personali, meta applikabbli, u jekk tali bażi legali hijiex konformi mal-Artikolu 6(1), il-punt (e) jew (f), u meta applikabbli l-Artikolu 9(2), il-punt (g) jew (j), tar-Regolament (UE) 2016/679. Barra minn hekk, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jenħtieġ li jivverifika li l-applikazzjoni għall-aċċess għad-data jkun fiha

biżżejjed indikazzjoni li r-riċerkaturi jkunu vvalutaw ir-riskji għall-protezzjoni tad-data personali. Pereżempju, dan jista' jintwera permezz ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data skont it-tifsira tal-Artikolu 35 ta' dak ir-Regolament. Biex jiġi żgurat li d-data personali tkun tista' tiġi aċċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali jenħtieġ li jitħallew jikkonsultaw lill-awtoritajiet superviżorji rilevanti stabbiliti skont l-Artikolu 51 ta' dak ir-Regolament, li jibqgħu kompetenti biex jivvalutaw il-konformità mar-Regolament (UE) 2016/679.

- (16) Biex jiffaċilita l-formulazzjoni tat-talba motivata u jippreżerva l-integrità tal-informazzjoni inkluża fl-applikazzjoni għall-aċċess għad-data, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jenħtieġ li jivverifika jekk l-applikazzjoni għall-aċċess għad-data tinkludix sommarju. Tali sommarju jenħtieġ li jkun fih ħarsa ġenerali lejn l-informazzjoni li se tkun parti mit-talba motivata, ippubblikata fil-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA, f'każijiet li fihom il-valutazzjoni tal-applikazzjoni għall-aċċess għad-data twassal għall-formulazzjoni ta' talba motivata.
- (17) Sabiex jiġi żgurat li l-modalitajiet ta' aċċess li l-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jiffissa jkunu adegwati biex jindirizzaw is-sensittività tad-data speċifika mitluba f'applikazzjoni għall-aċċess għad-data, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jenħtieġ li jwettaq valutazzjoni każ b'każ, abbażi tal-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni għall-aċċess għad-data. Il-modalitajiet ta' aċċess stabbiliti fit-talba motivata jenħtieġ li jkunu xierqa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sigurtà tad-data, tal-kunfidenzjalità tad-data u tal-protezzjoni tad-data personali u, fl-istess ħin, jippermettu l-ilħuq tal-oġġettivi ta' riċerka tal-proġett ta' riċerka. L-aċċess għad-data jista' jseħħ, pereżempju, bit-trażmissjoni tad-data lir-riċerkaturi verifikati permezz ta' interfaċċa xierqa u ħżin xieraq tad-data; bit-trażmissjoni tad-data lejn ambjent ta' pproċessar sigur operat mill-fornitur tad-data jew minn fornitur terz, li għalih ikollhom aċċess ir-riċerkaturi verifikati, kif ukoll bil-ħżin fih, iżda bla ma sseħħ l-ebda trażmissjoni tad-data lir-riċerkaturi verifikati, jew b'modalitajiet oħrajn ta' aċċess li għandhom jiġu stabbiliti jew iffaċilitati mill-fornitur tad-data. Meta jispeċifika l-modalitajiet ta' aċċess, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jenħtieġ li jelenka wkoll kwalunkwe kundizzjoni legali, teknika jew organizzattiva li l-aċċess għandu jkun soġġett għaliha. F'każijiet li fihom l-ġoti tal-aċċess jinvolvi trasferiment ta' data personali lil pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali skont it-tifsira tal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679, il-modalitajiet ta' aċċess jenħtieġ li jinkludu wkoll informazzjoni dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' trasferiment xieraq, biex jiġi żgurat li l-fornitur tad-data jieħu l-azzjoni meħtieġa biex jikkonforma ma' dak ir-Regolament.
- (18) Biex jiġi żgurat li l-modalitajiet ta' aċċess għad-data jkunu xierqa biex jindirizzaw sensittivitajiet speċifiċi f'termini ta' protezzjoni tad-data, ta' sigurtà tad-data jew ta' kunfidenzjalità, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment, abbażi tal-informazzjoni riċevuta fl-applikazzjoni għall-aċċess għad-data, jenħtieġ li jkun jista' jirrikjedi, li l-aċċess għad-data jingħata permezz ta' ambjenti ta' pproċessar siguri. F'każijiet bħal dawn, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jenħtieġ li jiżgura li l-ambjent magħżul jopera f'konformità mal-aktar teknoloġija xierqa u jippermetti lir-riċerkaturi verifikati jilhuq l-oġġettivi tar-riċerka tagħhom.
- (19) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-informazzjoni trażmessa mill-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment lill-fornituri tad-data, jeħtieġ li jiġi speċifikat il-kontenut tat-talbiet motivati.

- (20) Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-fornituri tad-data u biex titnaqqas il-frekwenza tat-talbiet għal emendi maż-żmien u tiġi ffaċilitata l-formulazzjoni tal-applikazzjonijiet rilevanti għall-aċċess għad-data mir-riċerkaturi, jenħtieġ li ssir disponibbli għall-pubbliku ħarsa ġenerali lejn kull talba motivata, inkluż kwalunkwe emenda u aġġornament għaliha, fil-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA mill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment li jkun ħareġ it-talbiet motivati rispettivi.
- (21) Sabiex jiġi żgurat li l-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment ikollu l-informazzjoni rilevanti biex jevalwa talba għal emenda u biex jiffaċilita approċċ uniformi fl-evalwazzjoni tat-talbiet għal emendi, il-fornitur tad-data jenħtieġ li jkun meħtieġ jispeċifika r-raġunijiet għal tali talba, kif imsemmi fl-Artikolu 40(5) tar-Regolament (UE) 2022/2065. B'mod aktar speċifiku, meta jivvaluta talba għal emenda sottomessa abbażi tan-nuqqas ta' aċċess ta' fornitur tad-data għad-data, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jenħtieġ li jkun f'pożizzjoni li jeżamina jekk l-allegata impossibbiltà hijiex debitament ġustifikata, pereżempju min-nuqqas ta' eżistenza tad-data mitluba, jew minn restrizzjonijiet tekniċi bħall-kriptaġġ u jenħtieġ li jkollu l-informazzjoni meħtieġa biex iqis jekk in-nuqqas ta' aċċess huwiex permanenti jew temporanju. Jenħtieġ li jkun ċar, f'dan ir-rigward, li l-kunsiderazzjonijiet kummerċjali jenħtieġ li ma jitqisux bħala raġuni biex jiġi rrifjutat awtomatikament l-aċċess għad-data mitluba iżda pjuttost bħala raġuni biex jiġu mmodifikati l-mezzi sabiex jiġi pprovdut aċċess għad-data, li jista' jirriżulta fl-impożizzjoni ta' rekwiżiti addizzjonali ta' sigurtà u kunfidenzjalità tad-data.
- (22) Sabiex tiġi żgurata soluzzjoni effiċjenti tat-tilwim u biex titħeġġeġ l-identifikazzjoni ta' soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku, wara talba għal emenda, il-fornituri tad-data jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu lill-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment biex jipparteċipaw fil-medjazzjoni. Tali parteċipazzjoni jenħtieġ li tkun volontarja matul il-proċess kollu ta' medjazzjoni u jenħtieġ li ma tirriżulta f'ebda eżitu vinkolanti għall-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment, li jibqa' kompetenti biex jiddeċiedi dwar it-talbiet għal emendi. Il-partijiet kollha involuti fil-proċess ta' medjazzjoni jenħtieġ li jimpenjaw ruħhom *in bona fide* u jagħmlu hilitom biex jilhq u ftehim ġust u aċċettabbli b'mod reċiproku.
- (23) Sabiex jiġi evitat li l-medjazzjoni ttawwal b'mod indefinit il-proċess tal-aċċess għad-data, it-trażmissjoni tat-talba bil-miktub għall-medjazzjoni, l-għażla tal-medjatur u l-proċess ta' medjazzjoni nnifsu jenħtieġ li jsiru f'perjodi ta' żmien speċifikati. Il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jenħtieġ li jistabbilixxu limitu ta' żmien għall-proċess ta' medjazzjoni fir-rigward ta' talba motivata partikolari u l-medjatur jenħtieġ li jkollu l-awtorità li jtemm il-proċess ta' medjazzjoni f'ċirkostanzi speċifiċi.
- (24) Sabiex tibqa' l-fiduċja reċiproka fost il-partijiet involuti fil-medjazzjoni, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jenħtieġ li jiżgura li l-medjatur propost jissodisfa r-rekwiżiti ta' imparzjalità u tal-indipendenza u jkollu għarfien espert rilevanti dwar is-suġġett tal-medjazzjoni.
- (25) Għall-finijiet tal-iffaċilitar tat-teħid ta' deċiżjonijiet infurmat u effettiv fir-rigward tal-proċess tal-aċċess għad-data, il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jitolbu opinjonijiet esperti dwar elementi speċifiċi tal-proċess tal-aċċess għad-data, bħad-determinazzjoni tal-modalitajiet ta' aċċess, inkluż interfaċċi xierqa, il-formulazzjoni tat-talba motivata u kwalunkwe talba għal emenda mill-fornitur tad-data. L-esperti kkonsultati jenħtieġ li jkollhom għarfien espert ippruvat fil-

kwistjoni li dwarha tintalab l-opinjoni tagħhom u jenħtieġ li jkunu indipendenti. B'mod partikolari, jenħtieġ li ma jkollhom l-ebda kunflitt ta' interess, li jirriżulta pereżempju minn kwalunkwe rabta mar-riċerkaturi applikanti jew mal-fornitur tad-data.

- (26) Sabiex tiżdied it-trasparenza u biex il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali jkunu jistgħu jibnu fuq l-għarfien espert tagħhom miksub maż-żmien, kull talba għal konsultazzjoni tal-esperti u s-segwitu ġġenerat minnha jenħtieġ li jiġu rreġistrati f'AGORA.
- (27) Biex tiġi ffaċilitata s-superviżjoni effettiva tal-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-talba motivata, il-fornitur tad-data jenħtieġ li jinnotifika lill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment fi żmien 3 ijiem tax-xogħol mid-data li fiha jkun ingħata l-aċċess lir-riċerkaturi verifikati u mid-data tat-terminazzjoni tal-aċċess.
- (28) Sabiex ir-riċerkaturi verifikati jkunu jistgħu jużaw id-data mitluba għall-finijiet tar-riċerka u jipprovdu informazzjoni tal-kuntest rilevanti, il-fornituri tad-data jenħtieġ li jipprovdu lir-riċerkaturi verifikati l-metadata u d-dokumentazzjoni rilevanti li tiddekrivi d-data magħmula disponibbli, bħal kodiċijiet anonimizzati, reġistri tal-modifiki u dokumentazzjoni arkitettonika.
- (29) Sabiex tiġi ffaċilitata r-riċerka sinifikattiva mir-riċerkaturi verifikati, anke billi jiġi permess il-kombinament tad-data mitluba mad-data disponibbli minn sorsi oħrajn, jenħtieġ li l-fornituri tad-data ma jimponu l-ebda restrizzjoni fuq l-għodod analitiċi użati minn riċerkaturi verifikati, inklużi libreriji tas-software rilevanti, u jenħtieġ li ma jimponux rekwiżiti ta' arkivjar, ħżin, aġġornament u tħassir, sakemm ma jkunux imsemmija b'mod espliċitu fil-modalitajiet ta' aċċess identifikati fit-talba motivata.
- (30) Meta d-data pprovduta lir-riċerkaturi verifikati tinkludi data personali skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679, il-fornitur tad-data jenħtieġ li josserva r-regoli stabbiliti f'dak ir-Regolament. B'mod partikolari, l-Artikolu 40(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065 johlq obbligu legali skont it-tifsira tal-Artikolu 6(1), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2016/679 għal kwalunkwe pproċessar ta' data personali meħtieġ għall-fornitur tad-data biex jagħti aċċess għad-data speċifikata fit-talba motivata. Meta jkunu jridu jiġu pproċessati kategoriji speċjali ta' data personali skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679, dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżit tal-Artikolu 9(2), il-punt (g) tar-Regolament (UE) 2016/679.
- (31) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ u ta opinjoni fl-4 ta' Diċembru 2024.
- (32) Wara li kkonsultat mal-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali f'konformità mal-Artikolu 40(13) tar-Regolament (UE) 2022/2065 u wara l-approvazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċizzjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-proċeduri u l-kundizzjonijiet tekniċi biex ir-riċerkaturi verifikati jingħataw aċċess għad-data miżmuma mill-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna u ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna, skont l-Artikolu 40(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065, b'mod partikolari:

- (a) il-kundizzjonijiet tekniċi għall-iżvilupp u għall-funzjonament ta' portal tal-aċċess għad-data;
- (b) il-proċeduri u l-kundizzjonijiet tekniċi għall-ġestjoni tal-proċess tal-aċċess għad-data mill-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali u mill-fornituri tad-data;
- (c) ir-reqwiziti għall-formulazzjoni ta' talbiet motivati u l-valutazzjoni tat-talbiet għal emendi;
- (d) il-kundizzjonijiet tekniċi għall-għoti ta' aċċess għad-data mill-fornituri tad-data.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵. Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “applikazzjoni għall-aċċess għad-data” tfisser l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rilevanti sottomessi mir-riċerkaturi applikanti lill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jew lill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-Istat Membru tal-organizzazzjoni ta' riċerka, li r-riċerkatur prinċipali huwa affiljat magħha, biex jinkiseb l-istatus ta' “riċerkatur verifikat” kif imsemmi fl-Artikolu 40(8), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2022/2065, għal proġett ta' riċerka speċifiku li jnvolvi l-aċċess għad-data minn fornitur tad-data;
- (2) “proċess ta' aċċess għad-data” tfisser il-passi u l-proċeduri li jistgħu jwasslu għall-għoti ta' aċċess għad-data kif imsemmi fl-Artikolu 40(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065;
- (3) “riċerkatur applikant” tfisser kwalunkwe persuna fiżika li tapplika għall-aċċess għad-data kif imsemmi fl-Artikolu 40(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065, individwalment, fi grupp jew bħala parti minn entità;

⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

- (4) “riċerkatur prinċipali” tfisser ir-riċerkatur applikant li jissottometti l-applikazzjoni għall-aċċess għad-data fil-kapaċità individwali tiegħu jew f’isem entità jew grupp ta’ riċerkaturi applikanti;
- (5) “fornitur tad-data” tfisser fornitur ta’ pjattaforma online kbira ħafna jew ta’ magna tat-tiftix online kbira ħafna ddeżinjata bħala tali f’konformità mal-Artikolu 33(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065, li lili tista’ tiġi indirizzata talba motivata;
- (6) “talba motivata” tfisser talba motivata għal aċċess għad-data skont l-Artikolu 40(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065;
- (7) “talba għal emenda” tfisser talba għal emenda skont l-Artikolu 40(5) tar-Regolament (UE) 2022/2065 sottomessa mill-fornitur tad-data lill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment wara li tasal talba motivata;
- (8) “ambjent ta’ pproċessar sigur” tfisser ambjent ta’ pproċessar sigur kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (20), tar-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.

KAPITOLU II

OBBLIGI TA’ INFORMAZZJONI U TA’ KUNTATT

Artikolu 3

Portal tal-aċċess għad-data tad-DSA

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tospita portal tal-aċċess għad-data tad-DSA.
2. Il-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:
 - (a) jappoġġa u jissimplifika l-ġestjoni tal-proċess tal-aċċess għad-data għar-riċerkaturi, għall-fornituri tad-data u għall-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali;
 - (b) iservi bħala l-punt diġitali ċentrali għall-informazzjoni dwar il-proċess tal-aċċess għad-data u jiffaċilita l-iskambji ta’ informazzjoni skont dan ir-Regolament bejn ir-riċerkaturi applikanti, ir-riċerkaturi verifikati, il-fornituri tad-data u l-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali.
3. Il-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA għandu jkun interoperabbli ma’ AGORA, is-sistema ta’ kondiviżjoni tal-informazzjoni stabbilita bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2024/607. Il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali għandu jkollhom aċċess f’AGORA għall-informazzjoni sottomessa permezz tal-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA.
4. Il-fornituri tad-data għandu jkollhom kont fuq il-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA.
5. Biex jipparteċipaw fil-proċess tal-aċċess għad-data, ir-riċerkaturi applikanti għandu jkollhom kont fuq il-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data) (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/868/oj>).

Artikolu 4

Rwoli u responsabbiltajiet għall-ipproċessar ta' data personali fil-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA

- (1) Il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali għandhom ikunu kontrolluri separati fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali li jwettqu biex jimmaniġġaw il-proċess tal-aċċess għad-data u għall-pubblikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti.
- (2) Il-Kummissjoni għandha tkun proċessur ta' data personali pproċessata fil-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA.
- (3) Ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni bħala proċessur għall-attivitajiet tal-ipproċessar tad-data mwettqa fil-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness.

Artikolu 5

Ipproċessar ta' data personali fil-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA

1. Meta d-data personali tiġi rreġistrata u skambjata permezz tal-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA, l-ipproċessar għandu jsir biss sa fejn ikun proporzjonat u meħtieġ għall-fini tal-proċess tal-aċċess għad-data u tal-pubblikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti.
2. L-ipproċessar tad-data personali għandu jsir fil-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA biss fir-rigward tal-kategoriji ta' suġġetti tad-data li ġejjin:
 - (a) persuni fiżiċi li jkollhom kont fuq il-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA;
 - (b) persuni fiżiċi li d-data personali tagħhom tinsab fil-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA jew fi kwalunkwe skambju ieħor skont dan ir-Regolament dwar il-proċess ta' aċċess għad-data.
3. L-ipproċessar tad-data personali għandu jsir fil-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA biss fir-rigward tal-kategoriji ta' data personali li ġejjin:
 - (a) data tal-identità, bħall-isem, l-identifikatur tal-utent;
 - (b) informazzjoni ta' kuntatt bħall-indirizz, l-indirizz tal-email, id-dettalji ta' kuntatt;
 - (c) data personali li tinsab fid-dokumentazzjoni li turi l-affiljazzjoni ma' organizzazzjoni ta' riċerka, u kwalunkwe informazzjoni personali oħra meqjusa meħtieġa għall-fini tal-parteċipazzjoni fil-proċess ta' aċċess għad-data.
4. L-ipproċessar ta' data personali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jitwettaq bl-użu tal-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni li tinsab fiż-Żona Ekonomika Ewropea.

Artikolu 6

Punti ta' kuntatt u informazzjoni pubblika dwar il-proċess ta' aċċess għad-data

1. Kull Koordinatur tas-Servizzi Diġitali u kull fornitur tad-data għandu jistabbilixxi punt ta' kuntatt speċifiku, li l-kompitu tiegħu għandu jkun li jipprovdi informazzjoni u appoġġ dwar il-proċess tal-aċċess għad-data.
2. Il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali u l-fornituri tad-data għandhom jikkomunikaw il-punti ta' kuntatt tagħhom lill-Kummissjoni, mill-aktar fis possibbli. Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-dettalji tal-punti ta' kuntatt imsemmija fil-paragrafu 1 fl-interfaċċa pubblika tal-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA.
3. Kull Koordinatur tas-Servizzi Diġitali għandu jagħmel disponibbli u faċilment traċċabbli fuq l-interfaċċa online tiegħu, id-dettalji tal-punt ta' kuntatt stabbilit skont il-paragrafu 1 flimkien ma' link għall-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA.
4. Il-fornituri tad-data għandhom jagħmlu l-informazzjoni li ġejja disponibbli u faċilment traċċabbli fuq l-interfaċċi online tagħhom:
 - (a) id-dettalji tal-punt ta' kuntatt stabbilit minnhom skont il-paragrafu 1;
 - (b) link għall-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA;
 - (c) katalgu tad-data tad-DSA, li jiddeskrivi l-assi tad-data, li jistgħu jiġu aċċessati għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 40(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065, kif ukoll l-istruttura tad-data u l-metadata tagħhom;
 - (d) il-modalitajiet issuġġeriti ta' aċċess għad-data fil-katalgu skont il-punt (c), adegwati għal-livell ta' sensitività tal-assi differenti tad-data.
5. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, il-punti (c) u (d), għandha tiġi aġġornata regolarment, b'mod partikolari biex tirrifletti d-data relatata mal-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2022/2065 u l-awditi mwettqa skont l-Artikolu 37 ta' dak ir-Regolament.

KAPITOLU III

REKWIŻITI GĦALL-FORMULAZZJONI U GĦALL-IPPROĊESSAR TA' TALBIET MOTIVATI

Artikolu 7

Formulazzjoni ta' talba motivata

1. Fi żmien 80 jum ta' xogħol mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-aċċess għad-data, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment, filwaqt li jqis kif xieraq il-prerekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8 u, meta applikabbli, kwalunkwe valutazzjoni oħra rilevanti għal dawn il-finijiet, għandu jiddeċiedi jekk tistax tiġi fformulata talba motivata u għandu jwettaq waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:
 - (a) jifformula talba motivata, jissottomettiha lill-fornitur tad-data u jinnotifika lir-riċerkatur prinċipali dwar is-sottomissjoni tat-talba motivata;
 - (b) jinforma lir-riċerkatur prinċipali bir-raġunijiet għaliex it-talba motivata ma setgħetx tiġi fformulata.

2. Meta, f'każijiet debitament ġustifikati, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment ikun jeħtieġ aktar żmien biex jifformula talba motivata, għandu jinnotifika lir-riċerkatur prinċipali malajr kemm jista' jkun u għandu jindika r-raġunijiet għad-dewmien kif ukoll data ġdida għat-twettiq tal-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 8

Prerekwiżiti għall-formulazzjoni ta' talba motivata

1. Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment għandu jiddeċiedi jekk tistax tiġi fformulata talba motivata filwaqt li jqis l-elementi li ġejjin:
 - (a) għal kull riċerkatur applikant:
 - i. konferma ta' affiljazzjoni ma' organizzazzjoni ta' riċerka kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷;
 - ii. dikjarazzjoni ta' indipendenza minn interessi kummerċjali rilevanti għall-proġett speċifiku li għalih tintalab id-data;
 - iii. impenn biex ir-riżultati tar-riċerka tagħhom isiru disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas.
 - (b) informazzjoni dwar il-finanzjament tal-proġett ta' riċerka li għalih tintalab id-data;
 - (c) deskrizzjoni tad-data mitluba, inkluż il-format, l-ambitu u, meta possibbli, l-attributi speċifiċi, il-metadata rilevanti u d-dokumentazzjoni tad-data, filwaqt li titqies ukoll l-informazzjoni magħmula disponibbli skont l-Artikolu 6(4) ta' dan ir-Regolament;
 - (d) informazzjoni dwar il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-aċċess għad-data u l-informazzjoni dwar il-perjodi ta' żmien tar-riċerka li għaliha tintalab id-data;
 - (e) informazzjoni dwar ir-riskji identifikati f'termini ta' kunfidenzjalità, sigurtà tad-data u protezzjoni tad-data personali relatati mad-data li tiġi aċċessata, deskrizzjoni tal-miżuri tekniċi, legali u organizzazzjonali li se jiġu stabbiliti, inkluż, meta possibbli, il-modalitajiet issuġġeriti ta' aċċess, biex jiġu mmitigati tali riskji meta tiġi pproċessata d-data mitluba;
 - (f) deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka li għandhom jitwettqu bid-data mitluba;
 - (g) sommarju tal-applikazzjoni għall-aċċess għad-data li jkun fiha l-elementi li ġejjin:
 - i. is-sugġett tar-riċerka;
 - ii. il-fornitur tad-data li mingħandu tintalab id-data;
 - iii. deskrizzjoni tad-data mitluba, kif imsemmi fil-punt (c).

⁷ Id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/790/oj>).

Artikolu 9

Modalitajiet ta' aċċess

1. Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment għandu jiddetermina l-modalitajiet, inkluż il-miżuri tekniċi, legali u organizzazzjonali, li l-fornitur tad-data għandu juża biex jipprovdi aċċess għad-data lir-riċerkaturi verifikati.
2. Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali għandhom jitħallew jikkonsultaw lill-awtoritajiet superviżorji rilevanti stabbiliti skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2016/679.
3. Meta jkun qed jiddetermina l-modalitajiet ta' aċċess, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment għandu jqis l-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni għall-aċċess għad-data, b'mod partikolari l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8, il-punt (e), filwaqt li jqis ukoll id-drittijiet u l-interessi tal-fornituri tad-data u tar-riċevituri tas-servizz ikkonċernat, inkluż il-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali, is-sigriet kummerċjali u ż-żamma tas-sigurtà tas-servizz tagħhom u l-informazzjoni magħmula disponibbli mill-fornituri tad-data skont l-Artikolu 6(4), il-punt (d).
4. Minbarra l-elementi msemmija fil-paragrafu 3, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment għandu, meta jkun qed jiddetermina l-modalitajiet ta' aċċess, iqis l-elementi li ġejjin:
 - (a) meta l-aċċess jinvolvi l-ipproċessar ta' data personali:
 - i. il-valutazzjoni tar-riskji li jikkonċernaw l-ipproċessar tad-data personali kif deskritt fl-Artikolu 8(e), inkluż, meta applikabbli, il-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data skont it-tifsira tal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679;
 - ii. il-miżuri tekniċi u organizzazzjonali previsti kif sottomessi skont l-Artikolu 8(e).
 - (b) il-miżuri rilevanti ta' sigurtà tan-network, il-kriptaġġ, il-mekkaniżmi ta' kontroll tal-aċċess, il-politiki ta' backup, il-mekkaniżmi ta' integrità tad-data, il-pjanijiet ta' rispons għall-inċidenti;
 - (c) meta applikabbli, informazzjoni dwar il-perjodu ta' ħżin maħsub u l-pjanijiet rilevanti għall-qerda tad-data;
 - (d) kwalunkwe miżura organizzattiva bħall-proċessi ta' rieżami intern, ir-restrizzjonijiet tad-drittijiet ta' aċċess u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni;
 - (e) kwalunkwe klawżola kuntrattwali proposta, bħal ftehimiet ta' nondivulgazzjoni, ftehimiet dwar id-data u kwalunkwe tip ieħor ta' dikjarazzjonijiet bil-miktub, li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet possibbli ta' aċċess u pproċessar bejn ir-riċerkatur prinċipali u l-fornitur tad-data;
 - (f) l-eżistenza ta' taħriġ dwar is-sigurtà tad-data u l-protezzjoni tad-data personali riċevuta mingħand ir-riċerkaturi applikanti;
 - (g) jekk humiex meħtieġa ambjenti ta' pproċessar siguri għall-ipproċessar tad-data.
5. Meta l-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment iqis li għandu jintuża ambjent ta' pproċessar sigur biex jipprovdi aċċess għad-data mitluba, il-Koordinatur

tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment għandu jirrikjedi dokumentazzjoni li tiċċertifika li l-operatur ta' dak l-ambjent:

- (h) jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-ambjent ta' pproċessar sigur sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' qari, ikkupjar, modifika jew tneħħija mhux awtorizzati tad-data miżmuma fl-ambjent ta' pproċessar sigur;
- (i) jiżgura li r-riċerkaturi verifikati jkollhom aċċess biss għad-data koperta mit-talba motivata, permezz ta' identitajiet tal-utenti individwali u uniċi u modi ta' aċċess kunfidenzjali;
- (j) iżomm reġistri identifikabbli ta' aċċess għall-ambjent tal-ipproċessar sigur għall-perjodu meħtieġ biex jiġu vverifikati u awditjati l-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar f'dak l-ambjent;
- (k) jiżgura li l-qawwa komputazzjonali għad-dispożizzjoni tar-riċerkaturi verifikati tkun xierqa u suffiċjenti għall-finijiet tal-proġett ta' riċerka;
- (l) jimmonitorja l-effettività tal-miżuri elenkati fil-punti minn (a) sa (d).

Artikolu 10

Kontenut ta' talba motivata

- (1) Talba motivata għandu jkun fiha mill-inqas l-elementi li ġejjin:
 - (a) id-data sa meta l-fornitur tad-data għandu jagħti aċċess għad-data mitluba u d-data li fiha tali aċċess għandu jiġi tterminat;
 - (b) il-modalitajiet ta' aċċess determinati skont l-Artikolu 9;
 - (c) is-sommarju tal-applikazzjoni għall-aċċess għad-data msemmija fl-Artikolu 8, il-punt (g);
- (2) Fit-talba motivata, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jista' jinkludi l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tar-riċerkaturi verifikati kollha msemmija fl-applikazzjoni għall-aċċess għad-data meta dan ikun meħtieġ biex jiġi permess l-aċċess għad-data mitluba, f'konformità mal-modalitajiet ta' aċċess speċifikati fit-talba motivata.
- (3) Jekk l-għoti ta' aċċess jinvolti trasferiment ta' data personali lil pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali skont it-tifsira tal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679, it-talba motivata għandha tinkludi informazzjoni dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' trasferiment xieraq, jew li ssir referenza għalih, biex tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament (UE) 2016/679.

Artikolu 11

Pubblikazzjoni ta' ħarsa ġenerali lejn talba motivata fil-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA

- 1. Mal-formulazzjoni ta' talba motivata, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment għandu jippubblika ħarsa ġenerali lejn it-talba motivata fl-interfaċċa

pubblika tal-portal tal-aċċess għad-data tad-DSA. Il-ħarsa ġenerali għandu jkun fiha dan kollu li ġej:

- (a) is-sommarju tal-applikazzjoni għall-aċċess għad-data msemmija fl-Artikolu 8, il-punt (g);
 - (b) il-modalitajiet ta' aċċess iddeterminati skont l-Artikolu 9.
2. Il-ħarsa ġenerali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi aġġornata biex tirrifletti kwalunkwe bidla li tirriżulta minn modifika ta' element wieħed jew aktar wara l-eżami ta' talba għal emenda jew l-eżitu ta' medjazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13.

Artikolu 12

Proċeduri għall-eżami ta' talbiet għal emendi

3. Malli jirċievi talba għal emenda skont l-Artikolu 40(5) tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment għandu jinforma lir-riċerkatur prinċipali kkonċernat.
4. Meta jiddeċiedi dwar talba għal emenda li ssir skont l-Artikolu 40(5), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment għandu jqis dan li ġej:
- (a) jekk ir-raġunijiet għall-allegat nuqqas ta' aċċess għad-data humiex debitament sostanzjati;
 - (b) jekk dan in-nuqqas ta' aċċess għad-data huwiex permanenti jew temporanju.
5. Meta jiddeċiedi dwar talba għal emenda li ssir skont l-Artikolu 40(5), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment għandu jqis dan kollu li ġej:
- (a) jekk l-allegati vulnerabbiltajiet u s-sinifikat tagħhom humiex sostanzjati kif xieraq;
 - (b) il-probabbiltà u s-severità tal-ħsara li tirriżulta minn dawn l-allegati vulnerabbiltajiet sinifikanti;
 - (c) il-punt sa fejn il-modalitajiet ta' aċċess stabbiliti fit-talba motivata jimmitigaw b'mod effettiv ir-riskju li sseħħ tali ħsara.
6. Fi kwalunkwe ħin matul il-valutazzjoni ta' talba għal emenda, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jista' jitlob lill-fornitur tad-data jew lir-riċerkatur prinċipali kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li jqis meħtieġa biex ilesti l-valutazzjoni tiegħu.
7. Tali talba għal informazzjoni addizzjonali għandha ssir malajr kemm jista' jkun biex il-fornitur tad-data jew ir-riċerkatur prinċipali jkollu biżżejjed żmien biex jirrispondi u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex taffettwa l-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 40(6), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2022/2065. Meta l-fornitur tad-data jew ir-riċerkatur prinċipali jonqos milli jipprovdli l-informazzjoni mitluba kollha jew fi żmien perjodu speċifikat mill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jew jipprovdli informazzjoni parzjali, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu fil-perjodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 40(6) tar-

Regolament (UE) 2022/2065, abbażi tal-informazzjoni li tkun tqiegħdet għad-dispożizzjoni tiegħu fi żmien raġonevoli.

Artikolu 13

Medjazzjoni

- (1) Jekk il-fornitur tad-data ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment dwar it-talba għal emenda, il-fornitur tad-data jista', fi żmien 5 ijiem ta' xogħol mill-komunikazzjoni mill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment skont l-Artikolu 40(6), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2022/2065, jitlob bil-miktub lill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment biex jipparteċipa fil-medjazzjoni.
- (2) Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment ma għandux ikun obligat li jipparteċipa fil-proċess ta' medjazzjoni.
- (3) It-talba bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi deskrizzjoni konċiża tal-elementi speċifiċi tad-deċiżjoni, kif ikkomunikati mill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment skont l-Artikolu 40(6), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2022/2065, li l-fornitur tad-data jkun qed joġġezzjona għalihom.
- (4) Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment u l-fornitur tad-data għandhom jaqblu dwar il-ħatra ta' medjatur u jibdwu il-medjazzjoni fi żmien 20 jum ta' xogħol mis-sottomissjoni tat-talba ta' medjazzjoni skont il-paragrafu 3.
- (5) Qabel ma jaqbel mal-ħatra ta' medjatur, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment għandu jivverifika li l-medjatur ikun imparzjali u indipendenti u jkollu l-għarfien espert rilevanti relatat mas-suġġett kif deskritt fit-talba bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1.
- (6) Il-fornitur tad-data għandu jħallas il-kostijiet kollha tal-medjazzjoni.
- (7) Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment għandu jinforma lir-riċerkatur prinċipali bit-talba ta' medjazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 mingħajr dewmien żejjed u jista' jiddeċiedi li jistieden lir-riċerkatur prinċipali biex jingħaqad mal-medjazzjoni bħala parti. Meta l-applikazzjoni għall-aċċess għad-data tkun ġiet sottomessa lill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-organizzazzjoni ta' riċerka, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment jista' jistieden lill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-organizzazzjoni ta' riċerka biex jipparteċipa fil-proċess ta' medjazzjoni. Kwalunkwe parti mistiedna biex tissieħeb fil-medjazzjoni mill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment ma għandhiex tkun obligata tipparteċipa fil-proċess ta' medjazzjoni.
- (8) Il-parteeċipazzjoni fil-medjazzjoni ma għandhiex taffettwa d-dritt tal-partijiet li jibdwu proċedimenti ġudizzjarji fi kwalunkwe ħin qabel, matul jew wara l-medjazzjoni.
- (9) Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment għandu jistabbilixxi terminu għall-medjazzjoni, li ma għandux jaqbeż l-40 jum ta' xogħol li jibdwu fil-jum tal-bidu tal-medjazzjoni skont il-paragrafu 4.
- (10) Il-medjatur jista' jtemm il-medjazzjoni aktar kmieni f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:
 - (a) meta waħda mill-partijiet titlob b'mod espliċitu li tintemm il-medjazzjoni;

- (b) meta jkun jidher ċar li l-imġiba tal-partijiet matul il-medjazzjoni, inkluż in-nuqqas ta' involviment *in bona fide*, tagħmilha improbabbli li jintlaħaq ftehim.
- (11) Meta l-medjazzjoni tirriżulta fi ftehim bejn il-partijiet, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment għandu jqis tali ftehim u, meta xieraq, għandu jimmodifika t-talba motivata u jinforma lir-riċerkatur prinċipali dwar il-modifika.
- (12) Meta l-partijiet ma jaslux biex jilhqqu ftehim, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment għandu jinnotifika lill-fornitur tad-data li d-deċiżjoni tal-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment dwar it-talba għal emenda, kif ikkomunikata l-aħħar skont l-Artikolu 40(6), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2022/2065, għandha titqies valida u għandha sservi bħala l-bażi rilevanti għal passi ulterjuri fil-proċess u jinforma lir-riċerkatur prinċipali.
- (13) Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment għandu jirreġistra f'AGORA reġistrazzjoni sommarja tal-medjazzjoni, imħejjija mill-medjatur u ffirmata mill-partijiet kollha. Ir-reġistrazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) id-data tat-talba bil-miktub għall-medjazzjoni mill-fornitur tad-data;
 - (b) l-identitajiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-partijiet;
 - (c) id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-medjazzjoni;
 - (d) l-eżitu tal-medjazzjoni, inkluż kwalunkwe ftehim milħuq jew ir-raġuni għat-terminazzjoni tal-medjazzjoni.

Artikolu 14

Konsultazzjoni ta' esperti indipendenti

- (1) Qabel ma jifformula talba motivata, jew jieħu deċiżjoni dwar talba għal emenda, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali jista' jiddeċiedi li jikkonsulta lill-esperti.
- (2) L-esperti għandhom ikunu indipendenti u imparzjali, ikollhom għarfien expert rilevanti u ħiliet ippruvati u għandu jkollhom il-kapaċità u r-riżorsi biex iwettqu l-kompitu identifikat, mingħajr dewmien żejjed.
- (3) Biex jiċċertifikaw l-imparzjalità, l-esperti għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni li tikkonferma li:
 - (a) ma għandhom l-ebda rabta finanzjarja jew personali mal-fornitur tad-data jew mar-riċerkaturi applikanti;
 - (a) ma għandhom l-ebda interess fl-eżitu tal-proċess ta' aċċess għad-data;
 - (b) huma ħielsa minn kwalunkwe kunflitt ta' interess.
- (4) Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali għandu, mingħajr dewmien żejjed, jikkodifika f'AGORA kwalunkwe konsultazzjoni mwettqa skont il-paragrafu 1, flimkien mal-opinjoni esperta riċevuta b'rispons għall-konsultazzjoni.

KAPITOLU IV

KUNDIZZJONIJIET GĦALL-FORNIMENT TAD-DATA MITLUBA LIR-RIĊERKATURI VERIFIKATI

Artikolu 15

Kondiviżjoni tad-data u dokumentazzjoni tad-data

- (1) Il-fornituri tad-data għandhom jinnotifikaw lill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment fi żmien 3 ijiem ta' xogħol mill-fatt:
 - (a) li l-aċċess għad-data mitluba jkun ġie pprovdut lil riċerkaturi verifikati, f'konformità mat-talba motivata;
 - (b) li l-aċċess għar-riċerkaturi verifikati jkun ġie tterminat.
- (2) Il-fornituri tad-data għandhom jipprovdu lir-riċerkaturi verifikati bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa għall-aċċess u għall-fehim tad-data mitluba, bħal kodiċijiet anonimizzati, reġistri tal-modifiki u dokumentazzjoni arkitettonika. F'każijiet li fihom l-għoti ta' tali informazzjoni jista' jirriżulta f'vulnerabbiltà sinifikanti tas-servizzi tal-fornitur tad-data, il-fornitur tad-data għandu jinnotifika lill-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali tal-istabbiliment b'dak ir-riskju u, meta possibbli, għandu jipproponi informazzjoni alternattiva.
- (3) Meta jipprovdu aċċess għad-data, il-fornituri tad-data ma għandhomx jimponu fuq ir-riċerkaturi verifikati rekwiżiti ta' ġestjoni tad-data bħal rekwiżiti ta' arkivjar, ħżin, aġġornament u tħassir, jew limitazzjonijiet għall-użu ta' għodod analitiċi standard, li jistgħu jfixxlu t-tweqqi tar-riċerka rilevanti, sakemm tali rekwiżiti jew limitazzjonijiet ma jkunux imsemmija b'mod espliċitu fit-talba motivata.
- (4) Meta tiġi pproċessata data personali, il-fornituri tad-data ma għandhom jimponu l-ebda kundizzjoni fuq ir-riċerkaturi verifikati b'rabta mal-ipproċessar tad-data personali kondiviża għajr dawk speċifikati fit-talba motivata.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 16

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1.7.2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN